



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 57/23

il-Lussemburgu, it-30 ta' Marzu 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-106/22 | Xella Magyarország

L-Avukata Ġenerali Ċapeta: Id-dritt tal-Unjoni, bħala prinċipju, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-iskrinjar ta' investiment dirett barrani provenjenti minn pajjiż terz anki jekk implimentat permezz ta' kumpannija bbażata fl-Unjoni

Tali leġiżlazzjoni nazzjonali tidħol fil-portata tar-Regolament għall-iskrinjar tal-IDB¹ u għalhekk għandha tiżgura li deċiżjonijiet ta' skrinjar individwali jkunu ġġustifikati u jissodisfaw rekwiżiti ta' proporzjonalità kif meħtieġ mir-regoli tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital u dwar il-libertà tal-istabbiliment

Fl-2021, il-Ministru Ungeriż għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija waqqaf l-akkwist ta' kumpannija Ungeriża minn kumpannija Ungeriża oħra. L-ewwel kumpannija hija proprjetarja ta' barriera li minnha jiġi estratt ramel, tafal u żrar. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Ministru spjega li jkun kontra l-interessi nazzjonali Ungeriżi, inkluża s-sigurtà fil-provvista ta' dik il-materja prima, li kumpannija bi proprjetarji indiretti minn pajjiż terz (Bermuda) titħalla tiegħu l-kontroll ta' tali kumpannija strateġika).

Biex tagħti deċiżjoni dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Ministru li jwaqqaf l-akkwist, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti Għolja ta' Budapest, l-Ungerija), essenzjalment, staqsiet jekk id-dritt tal-Unjoni jippermettix lill-Ungerija tistabbilixxi leġiżlazzjoni li tirrestrinġi l-investiment dirett barrani f'kumpanniji stabbiliti fl-Unjoni jekk tali investimenti jiġu implimentati permezz ta' kumpannija oħra stabbilita fl-Unjoni.

F'dawn il-konklużjonijiet, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta tqis l-ewwel, li **investiment dirett barrani provenjenti minn pajjiż terz jidħol fil-portata tar-Regolament għall-iskrinjar tal-IDB**. Dak ir-regolament **ikopri investimenti ta' kull tip li permezz tagħhom l-investitur ta' pajjiż terz jikseb sehem effettiv jew kontroll fuq kumpannija tal-Unjoni**. Dan jinkludi wkoll investiment li permezz tiegħu investitur ta' pajjiż terz jikseb *indirettament* kontroll fuq kumpannija tal-Unjoni, permezz tal-akkwist ta' kumpannija tal-Unjoni minn kumpannija oħra tal-Unjoni, li tkun proprjetà ta' kumpannija ta' pajjiż terz.

Tali investiment jidħol fil-portata tal-Artikolu 207 TFUE u għalhekk fl-iskop tal-**kompetenza esklużiva tal-Unjoni** fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, **ir-Regolament għall-iskrinjar tal-IDB, li jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' skrinjar, għandu jinftehem fis-sens li 'jiddelega' kompetenzi lura lill-Istati Membri** f'qasam li preċedentement dawn kienu tilfuhom bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

It-tieni, **mekkaniżmi ta' skrinjar nazzjonali**, permessi mir-Regolament għall-iskrinjar tal-IDB, **għandhom jissodisfaw ukoll ir-regoli tas-suq intern**. B'hekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tobbliga lil dawk il-korpi li huma responsabbli għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' skrinjar individwali, li joffru **ġustifikazzjonijiet leġittimi** għar-

¹ Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU 2019 L 79I, p. 1).

restrizzjoni fil-movimenti tal-kapital. Mir-Regolament għall-iskrinjar tal-IDB jirriżulta li **restrizzjonijiet fuq movimenti tal-kapital jistgħu jkunu ġġustifikati biss minn motivi ta' sigurtà jew ordni pubbliku**. Tali ġustifikazzjonijiet jistgħu jiġu invokati **biss jekk ikun hemm theddida reali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà**. Barra minn hekk, kull miżura li tirrestrinġi l-moviment tal-kapital għandha tkun **proporzjonata** għall-għan imfittex minnha.

B'ħarsa lejn il-ġustifikazzjoni għall-veto tal-Ministru inkwistjoni f'din il-kawża, l-Avukata Ġenerali tirrikonoxxi li l-**iżgurar tal-provvista ta' ċerta materja prima jista', fi żminijiet ta' kriżi, jippermetti l-ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni fuq investiment dirett barrani** abbażi ta' ordni pubbliku (jew ta' sigurtà pubblika). **Dawn ir-raġunijiet jistgħu jiġġustifikaw ukoll restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital minn pajjiżi terzi li għal raġunijiet oħra ma jkunux jistgħu jiġu aċċettati fis-suq intern.**

Sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-validità tad-deċiżjoni li tipprekludi t-tranżazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa jekk il-Ministru Ungeriż għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija spjegax b'mod suffiċjenti għalfejn il-proprjetà barranija indiretta fil-barriera inkwistjoni tirrappreżenta theddida reali u serja għas-sigurtà fil-provvista ta' żrar, ramel u tafal fl-Ungerija u jekk is-sigurtà ta' tali provvista setgħetx tinkiseb permezz ta' miżura inqas restrittiva.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355



Ibqgħu konnessi!